

**Kawżi magħquda C-125/07 P, C-133/07 P,
C-135/07 P u C-137/07 P**

**Erste Group Bank AG, li kienet Erste Bank
der österreichischen Sparkassen AG, et**

vs

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

“Appell — Akkordji — Iffissar minn banek Awstrijaki tar-rati ta’ depożitu u ta’ self —
‘Club Lombard’ — Effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri — Kalkolu tal-multi —
Suċċessjoni ta’ impriżi — Impatt konkret fuq is-suq — Implementazzjoni tal-akkordju”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Y. Bot, ippreżentati fis-26 ta’ Marzu
2009 I - 8691
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta’ Settembru 2009 I - 8821

Sommarju tas-sentenza

- 1. Kompetizzjoni — Akkordji — Ftehim bejn impriżi — Effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri — Kriterji — Prattiki restrittivi mifruxa mat-territorju kollu ta’ Stat Membru — Eżistenza ta’ preżunzjoni qawwija ta’ effett (Artikolu 81(1) KE)*

2. *Kompetizzjoni — Akkordji — Effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri — Kriterji ta' evalwazzjoni — Akkordju globali li jimplika l-istabbilimenti bankarji kważi kollha ta' Stat Membru u li jikkonċerna firxa wiesgħa ta' prodotti u ta' servizzi finanzjarji (Artikolu 81(1) KE)*
3. *Kompetizzjoni — Akkordji — Delimitazzjoni tas-suq — Suġġett (Artikoli 81(1) KE u 82 KE)*
4. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Persuna ġuridika responsabbli għat-tmexxija tal-imprezza matul il-ksur — Tmiem tal-eżistenza*
5. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur (Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)*
6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Impatt konkret fuq is-suq (Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, l-ewwel paragrafu tal-punt 1(A),)*
7. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Akkordju orizzontali fuq il-prezz — Ksur serju ħafna (Artikolu 81(1) KE; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03)*
8. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Tqassim tal-imprezzi kkonċernati f'diversi kategoriji — Kundizzjonijiet (Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, paragrafi 4 u 6 tal-punt 1(A))*
9. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Tqassim tal-imprezzi kkonċernati f'diversi kategoriji — Kundizzjonijiet (Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1(A))*
10. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Ċirkustanzi attenwanti (Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 3)*

11. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża inkriminata — Neċessità li l-aġir ikun iffaċilita l-konstatazzjoni tal-ksur mill-Kummissjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04)
12. *Appell — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar l-iffissar ta' multa fil-qasam tal-kompetizzjoni*
(Artikolu 81 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15)
13. *Dritt Komunitarju — Prinċipji — Drittijiet tad-difiża — Rispett fil-kuntest tal-proċeduri amministrattivi — Kompetizzjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 11(2) u (5))
14. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża inkriminata — Neċessità li l-aġir ikun iffaċilita l-konstatazzjoni tal-ksur mill-Kummissjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 15(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04)
15. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet — Natura ġuridika — Natura preparatorja*
(Regolament tal-Kunsill Nru 17)

1. Sabiex jista' jkun hemm effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri, deċizzjoni, ftehim jew prattika għandhom, abbażi ta' numru ta' punti oġġettivi ta' liġi jew ta' fatt, jippermettu li wieħed jipprevedi b' livell ta' probabbiltà suffiċjenti li huma jeżerċitaw influwenza diretta jew indiretta, attwali jew potenzjali, fuq it-tendenzi tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, u dan b'mod li jagħtu x'jifhmu li jistgħu jostakolaw it-twettiq ta' suq wieħed bejn l-Istati Membri. Minbarra dan, din l-influwenza ma għandhiex tkun insinjifikattiva. Għalhekk, effett fuq il-kummerċ intrakomunitarju jirriżulta b'mod ġenerali mill-preżenza ta' diversi elementi li, meħuda waħedhom, mhumiex neċessarjament determinanti. Biex jiġi vverifikat jekk akkordju jaffettwax partikolarment

il-kummerċ bejn Stati Membri, dan għandu jiġi eżaminat fil-kuntest ekonomiku u ġuridiku tiegħu.

Il-fatt li akkordju jkollu biss bħala skop il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti fi Stat Membru wieħed mhuwiex biżżejjed sabiex jiġi eskluż li l-kummerċ bejn Stati Membri jista' jiġi affettwat. Fil-fatt, akkordju li jkun mifruq mat-territorju kollu ta' Stat Membru għandu, min-natura tiegħu stess, l-effett li jikkonsolida t-tqassim ta' natura nazzjonali, u b'hekk jostakola l-interpenetrazzjoni ekonomika mixtieqa mit-Trattat KE. Fil-każ ta' tali akkordju, fejn teżisti preżunzjoni qawwija

ta' effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri, din tista' tiġi eskluża biss meta l-analiżi tal-karatteristiċi tal-ftehim u tal-kuntest ekonomiku tiegħu turi l-kuntrarju. Il-qorti Komunitarja tista' għalhekk, mingħajr ma tikkonfuta l-oneru tal-prova, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fl-evalwazzjoni tal-fatti, tikkonstata li tali preżunzjoni ma ġietx ikkonfutata.

3. Ir-rwol tad-definizzjoni tas-suq ivarja skont jekk għandux jiġi applikat l-Artikolu 81 KE jew l-Artikolu 82 KE. Konsewwentement, id-definizzjoni tas-suq rilevanti ma tapplikax meta l-Kummissjoni tikkonkludi li ftehim joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jista' jaffettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn Stati Membri.

(ara l-punti 36-39, 43)

(ara l-punt 60)

2. Akkordju globali li jikkonċerna parti essenzjali tal-atturi tas-settur finanzjarju ta' Stat Membru u firxa wiesgħa ta' prodotti u ta' servizzi finanzjarji, ibbażat fuq ftehim ta' prinċipju sabiex tiġi eliminata l-kompetizzjoni fuq il-prezzijiet u implementazzjoni fil-kuntest ta' laqgħat kif ukoll ta' round tables distinti, iddedikati għal prodotti speċifiċi, jikkostitwixxi ksur uniku li jiġġustifika u jeħtieġ eżami tal-kapaċità sħiħa ta' dan l-akkordju ġeneralizzat sabiex jaffettwa l-kummerċ intra-komunitarju. Għalhekk mhuwiex meħtieġ li tiġi eżaminata separatament il-kapaċità ta' kull round table li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri.

(ara l-punti 55, 56, 59)

4. Meta impriża tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha, skont il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, twieġeb għal dan il-ksur.

L-entità li mhijiex l-awtur tal-ksur tista' madankollu tiġi ppenalizzata għalih, l-ewwel nett, meta l-entità li tkun wettqet il-ksur tkun waqfet li teżisti legalment. Fil-fatt, meta entità li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tkun suġġetta għal tibdil legali u organizzattiv, dan it-tibdil mhux bilfors ikollu bħala effett li joħloq impriża ġdida li ma jkollhiex ir-responsabbiltà tal-aġir li jmur kontra r-regoli tal-kompetizzjoni tal-entità preċedenti jekk, mill-aspett ekonomiku, hemm identiċità bejn iż-żewġ entitajiet.

Barra minn hekk, it-tieni nett, l-aġir antikompettittiv ta' impriża jista' jiġi imputat fuq impriża oħra meta tal-ewwel ma stabbilixxiet l-aġir tagħha fis-suq b'mod awtonomu, iżda essenzjalment applikat id-direttivi mogħtija mit-tieni, fir-rigward b'mod partikolari tar-rabtiet ekonomiċi u legali li jgħaqqduhom. Iċ-ċirkustanza li kumpannija sus-sidjarja għandha personalità ġuridika distinta għalhekk mhijiex biżżejjed sabiex tiġi miċħuda l-possibbiltà li l-aġir tagħha jiġi imputat lill-kumpannija parent.

Min-naħa l-oħra, f'sitwazzjoni fejn impriża li tiegħu sehem f'akkordju takkwista oħra li tiegħu sehem ukoll fl-akkordju, għandu jiġi enfasizzat li l-ewwel impriża taf, fil-mument tat-teħid tal-attivitajiet tat-tieni impriża, li din tal-aħħar tista' tkun is-suġġett ta' proċedura ta' ksur tal-Artikolu 81 KE u li, fil-kwalità tagħha bħala aventi kawża ta' din il-kumpannija, hija għalhekk tesponi ruħha għall-konsegwenzi ta' tali proċedura f'termini ta' multa.

(ara l-punti 76-83)

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha l-għażla li tippenalizza kemm is-sussidjarja li tkun ipparteċipat fil-ksur, kif ukoll il-kumpannija parent li kienet tikkontrollaha matul il-perjodu msemmi fid-deċiżjoni. Il-Kummissjoni ma għandhiex l-obbligu li tinvestiga minn qabel jekk kinux sodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex il-ksur jiġi imputat fuq il-kumpannija parent tal-impriża li wettqet il-ksur. Fil-fatt, il-Kummissjoni bħala prinċipju ma tistax tkun obbligata li l-ewwel tipproċedi għal tali investigazzjoni qabel ma tkun tista' tikkunsidra li tiegħu azzjoni kontra l-impriża, awtriċi tal-ksur, anki jekk din kienet għaddiet minn xi modifiki bħala entità ġuridika. Il-prinċipju ta' responsabbiltà personali bl-ebda mod ma jipprekludi lill-Kummissjoni milli tipprevedi li l-ewwel tippenalizza lil din tal-aħħar qabel ma tesplora jekk, eventwalment, il-ksur jistax jiġi imputat lill-kumpannija parent. Minbarra dan, jekk is-sitwazzjoni kienet differenti, l-inkjesti tal-Kummissjoni jkunu neċessarji wkoll sabiex ikun investigat, f'kull każ ta' suċċessjoni fil-kontroll ta' impriża, sa fejn l-aġir tagħha jista' jiġi imputat lill-ex kumpannija parent.

5. Sabiex ikun stabbilit l-ammont tal-multi imposti għal ksur tar-regoli Komunitarji tal-kompettizzjoni, għandhom jiġu kkunsidrati t-tul ta' żmien u l-elementi kollha li jistgħu jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur. Il-gravità tal-ksur għandha tkun stabbilita fuq il-bażi ta' għadd kbir ta' elementi, fosthom iċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, il-kuntest tagħha u l-effett disważiv tal-multi, u dan, mingħajr ma tkun għiet stabbilita lista restrittiva jew eżawrjenti tal-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati b'mod obbligatorju. Hija l-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tistħarreġ l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fuq dawn l-elementi. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tikkuntraddixx lilha nfisha la meta tiddeċiedi li l-Kummissjoni tista' tevalwa globalment il-gravità tal-ksur skont iċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inklużi l-elementi mhux espressament imsemmija fil-linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru. 17 u l-

Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA, u lanqas meta tiddeċiedi li akkordju orizzontali fuq il-prezzijiet dwar settur ekonomiku daqs-hekk importanti ma jistax jevita l-kwalifika ta' ksur bħala "serju ħafna".

f'settur daqshekk importanti bħas-settur bankarju, li jkopri firxa wiesgħa ta' prodotti u li jimplika l-maġġoranza kbira ħafna tal-operaturi ekonomiċi, ma jistax, bħala prinċipju, jevita l-kwalifika ta' ksur serju ħafna, indipendentement mill-kuntest tiegħu.

(ara l-punti 90-93)

(ara l-punt 141)

6. Meta tirrileva, fl-evalwazzjoni tal-gravità ta' ksur sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' multa, li akkordju kellu effetti konkreti fis-suq, billi tiċċita diversi eżempji ta' implementazzjoni tal-ftehim antikompetittivi inkwistjoni u billi tippreċiża li, anki jekk dawn il-ftehim ma ġewx dejjem osservati, dan mhuwiex biżżejjed sabiex tkun invalidata l-konstatazzjoni li dawn ġew implementati u kellhom effetti fis-suq, il-qorti Komunitarja ma tillimitax ruħha li tikkonstata l-implementazzjoni tal-akkordju. Għalhekk ma tistax tiġi kkritikata li bbażat ruħha fuq l-unika implementazzjoni tal-akkordju sabiex tikkonstata l-impatt konkret tiegħu fuq is-suq.

8. Fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi imposti għal ksur tal-Artikolu 81 KE fis-settur bankarju, it-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, sabiex tqassam f'diversi kategoriji l-kumpanniji li jieħdu r-rwol ta' kumpanniji ewlenin fi ħdan grupp bankarju, tal-ishma tas-suq tal-banek tas-setturi deċentralizzati ma jikkostitwixxi imputazzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' dawn tal-aħħar lill-kumpanniji ewlenin. Dan huwa l-ewwel pass li huwa intiż li jiżgura li l-livell tal-multi imposti fuq il-kumpanniji ewlenin jirrifletti b'mod adegwat il-gravità tal-aġir li jikkostitwixxi ksur imwettaq minnhom stess. Sabiex tiġi evalwata l-gravità ta' dan il-ksur, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, skont ir-raba' u s-sitt paragrafi tal-Punt 1(A) tal-linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru. 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA, il-kapaċità ekonomika effettiva tal-impriżi li joħolqu distorsjoni tal-komptizzjoni u tal-pizzijiet speċifiċi tagħhom, u għalhekk tal-impatt konkret fuq il-kompetizzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tagħhom. Madankollu, dan jirrikjedi li r-rabtiet strutturali stabbli li

(ara l-punti 116-118)

7. Akkordju orizzontali fuq il-prezzijiet huwa fost il-ksur l-iktar serju imsemmi fil-linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA, anki fin-nuqqas ta' restrizzjonijiet oħra tal-kompetizzjoni bħat-tqassim tas-swieq. Tali akkordju

għandhom il-kumpanniji ewlenin mal-banek tas-setturi deċentralizzati, f'termini, b'mod partikolari, ta' rappreżentazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni peress illi, minħabba dawn ir-rabtiet, is-saħħa ekonomika effettiva ta' dawn il-kumpanniji u għalhekk il-kapaċità tagħhom li jkollhom effett ħażin fuq il-kompetizzjoni, tista' tkun ikbar minn dik irrappreżentata mid-dħul mill-bejgħ tagħhom. Jekk ishma tas-suq tal-entitajiet deċentralizzati ma jittiddux inkunsiderazzjoni, in-natura dissważiva tal-multa tirriskja li ma tiġix żgurata. Tali kriterju, li huwa relatat mas-saħħa ekonomika tal-banek, huwa differenti minn dak dwar il-frekwenza ta' parteċipazzjoni fil-laqgħat l-iktar importanti, li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tiddeċiedi liema banek għandhom ikunu destinatariji tad-deċiżjoni finali.

(ara l-punti 172-177, 214, 215)

9. Meta hija tqassam il-membri ta' akkordju f'diversi kategoriji, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont inizjali tal-multi imposti minħabba ksur tar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tista' ma tiffissax il-limiti preċiżi għall-kategoriji li hija tistabbilixxi u tinqeda b'"valuri ta' gwida", għall-ishma tas-suq tal-impriżi

kklassifikati fl-istess kategorija. Id-differenzi bejn dawn il-valuri ta' gwida għandhom ikunu koerenti u oġġettivament iġġustifikati.

(ara l-punti 189, 191)

10. Għalkemm mhuwiex eskluż li, f'ċerti ċirkustanzi, kuntest ġuridiku nazzjonali jew aġir tal-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanzi attenwanti, l-approvazzjoni jew it-tolleranza ta' ksur min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward meta l-impriżi inkwistjoni għandhom mezzi neċessarji sabiex jiksbu informazzjoni ġuridika preċiża u korretta.

(ara l-punti 228, 230)

11. Il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward sabiex tevalwa jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti volontarjament ipprovduti mill-impriżi ffaċilitawx il-ħidma tagħha u jekk hemmx lok li jiġi rrikonoxxut lill-impriżi tnaqqis skont il-punt 2 tal-Titolu D tal-Komunikazzjoni dwar in-nuqqas ta'

impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammonti tagħhom fil-kawżi li jirrigwardaw akkordji. Tali evalwazzjoni tal-Kummissjoni hija biss is-suġġett ta' stħarriġ ġuridiku ristrett.

(ara l-punti 248, 249)

12. Fil-kuntest ta' appell ippreżentat kontra sentenza tal-Qorti tal-Prim' Istanza fil-qasam ta' multi minħabba ksur għar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni, l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu bħala għan, minn naħa, li jiġi eżaminat sa fejn il-Qorti tal-Prim' Istanza ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod ġuridikament korrett, il-fatturi essenzjali kollha sabiex tiġi evalwata l-gravità ta' aġir partikolari fid-dawl tal-Artikoli 81 KE, 82 KE u l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 17 u, min-naħa l-oħra, li jiġi vverifikat jekk il-Qorti tal-Prim' Istanza wegħbitx, b'mod sodisfaċenti għall-finijiet tad-dritt, l-argumenti kollha invokati mir-rikorrenti għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tal-multa. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-ammont tat-tnaqqis tal-multa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-Qorti tal-Prim' Istanza li tiddeċiedi skont l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim' Istanza eżaminat u sussegwentement ikkonstatat li l-valur miżjud ta' dokumenti prodotti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-komunikazzjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżijiet dwar akkordji ma jiġġustifikax tnaqqis iktar sinjifikattiv tal-ammont tal-multi, peress li tali evalwazzjoni tal-fatti

taqa' taħt il-kompetenza biss tal-Qorti tal-Prim' Istanza, u l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, tissostitwixxiha fl-istadju tal-appell.

Barra minn hekk, meta l-Qorti tal-Prim' Istanza kkonstatat li rikorrenti setgħet effettivament tagħti l-opinjoni tagħha billi tippreżenta motivi għat-tnaqqis tal-multa u li huma relatati, b'mod partikolari, mal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna l-kwalifika tal-ksur, l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti u l-koo-perazzjoni tar-rikorrenti fil-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell, ma għandhiex tagħti deċizzjoni dwar il-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Prim' Istanza, qabel ma eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, kellhiex l-obbligu li tistieden lir-rikorrenti sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq eventwali bidla fl-ammont tal-multa.

(ara l-punti 254-256, 328-330)

13. Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, fil-proċedimenti kollha li jistgħu jwasslu għal sanzjonijiet, b'mod partikolari għal multi jew għal pagamenti ta' penalità, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju li għandu jiġi osservat, anki f'każ ta' proċedura ta' natura amministrattiva. Għalkemm, sabiex tiġi ppreżervata l-effettività tal-Artikolu 11(2) u (5) tar-Regolament Nru 17, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tobbliga lill-impriża sabiex tippovdi l-informazzjoni neċessarja kollha dwar fatti li hija jista' jkollha għarfien tagħhom u tikkomunikalha, meta jkun hemm bżonn, id-dokumenti relatati li huma fil-pussess tagħha, anki

jekk dawn jistgħu jservu sabiex jiġi stabbilit, kontra tagħha jew kontra impriża oħra, l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv, hija ma tistax madankollu, permezz ta' deċiżjoni għal talba għal informazzjoni, tkun ta' ħsara għad-drittijiet tad-difiża rikonoxxuti lill-impriża. Din id-deċiżjoni tapplika biss meta l-Kummissjoni tkun ħadet "deċiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 11(2) u (5) tar-Regolament Nru 17.

imposta, min-naħa l-oħra huma l-impriżi li jixtiequ jikkontestatw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward li għandhom juru li din, fin-nuqqas ta' tali informazzjoni pprovduta volontarjament minn dawn l-impriżi, ma kinitx fil-pożizzjoni li turi l-aspett essenzjali tal-ksur u għalhekk sabiex tadotta deċiżjoni li timponi multi.

(ara l-punti 270-273, 327)

(ara l-punti 281, 283, 297, 305)

14. Tnaqqis ta' multa fuq il-bażi tal-komunikazzjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kuntest ta' kawżi li jirrigwardjaw akkordji ma jistax ikun iġġustifikat ħlief meta l-informazzjoni pprovduta, u b'mod iktar ġenerali, l-aġir tal-impriża kkonċernata, ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati, f'dan ir-rigward, bħala li juru kooperazzjoni ġenwina min-naħa tagħha. Impriża li tkun ipprovdiet rapport tal-fatti inkomplet, konfermattiv u li ma jippreżentax "valur miżjud" ma tistax tibbaża ruħha fuq tali aġir.
15. Id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija dokument ta' natura proċedurali u preparatorja li, sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża, tirrestrinġi l-għan tal-proċedura amministrattiva mibdija mill-Kummissjoni, billi din tal-aħħar tiġi prekluzja milli tikkunsidra lmenti oħra fid-deċiżjoni tagħha li ttejjem il-proċedura kkonċernata. Huwa għalhekk inerenti għan-natura ta' din il-komunikazzjoni li tkun provviżorja u li tkun tista' tiġi emendata matul l-evalwazzjoni li l-Kummissjoni tagħmel ulterjalment fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet li ġew ippreżentati lilha bħala tweġiba mill-partijiet kif ukoll minn konstatazzjonijiet fattwali oħra. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni elementi li jirriżultaw mill-proċedura amministrattiva kollha kemm sabiex tabbanduna l-ilmenti li huma fondati ħażin, kif ukoll sabiex tmexxi u ttejjem kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt l-argument tagħha insostenn tal-ilmenti li hija tikkunsidra.

Għalkemm il-Kummissjoni għandha timmotiva r-raġunijiet li għalihom hija tqis li elementi pprovduti minn impriżi fil-kuntest tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni jikkostitwixxu kontribuzzjoni li tiġġustifika jew le tnaqqis tal-multa

B'hekk, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet bl-ebda mod ma timpedixxi lill-Kummissjoni milli tbiddel il-pożizzjoni tagħha favur impriżi kkonċernati. Barra minn hekk, mhuwiex eskluż li l-impriżi jistgħu, wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u b'mod partikolari fit-tweġiba tagħhom għal din il-komunikazzjoni, jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni deċiżiva li tiġġustifika li hija tnaqq-silhom il-multa fid-dawl tal-komunikaz-

zjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżi li jirrigwardjaw akkordji.

(ara l-punti 310-313)